QORTI CIVILI PRIM’ AWLA

ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.

Illum L-Erbgha, 28 ta' Ottubru, 2015

Numru 20

**Rikors Guramentat Nru. 1292/2010**

**Luisa Pedroni maghrufa wkoll bhala Luisa Pedroni Blasina**
**vs**
**Pietro Blasina u**
**b’digriet tal-21 ta’ Ottubru 2013**
**l-atti tal-kawza gew trasfuzi f’isem Sara Blasina u Mirta Blasina**
**fil-kwalita taghhom ta’ werrieta universali tad-decujus**
**Pietro Blasina fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tal-15 ta’ Dicembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi hija kienet izzewget lill-intimat fit-23 ta' April, 1994 permess ta' cerimonja civili gewwa Monte Carlo u ghadha mizzewgha mieghu sal-lum;

2. Illi bejn il-kontendenti bhalissa hemm kawza ta' separazzjoni personali mibdija mill-istess zewgha u li ghadha pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti fis-Sezzjoni taghha tal-Familja u li qeghda tinstema’ quddiem l-Imhallef Anna Felice citazz numru 1185/08 fl-ismijiet Pietro Blasina vs Luisa Pedroni;

3. Illi wkoll pendenti bejn il-kontendenti quddiem din il-Qorti hemm kawza ohra intavolata mill-intimat kontra martu r-rikorrenti fejn zewgha qed jippretendi minn ghandha l-hlas tas-somma euro 250,000 liema kawza qed tinstema’ quddiem din il-Qorti ippreseduta mill-Imhallef Rayrnond Pace u cioe citaz. numru 1245/08RCP fl-ismijiet Pietro Blasina pro et noe vs Luisa Pedroni Blasina et;

4. Illi din il-kawza hija wahda frivola u vessatorja billi r-rikorrenti ma ghandha taghti assolutament xejn lil zewgha u dan gia gie ikkonfermat bil-gurament mill-Avukat Antoine Naudi fid-diversi seduti li saru quddiem l-Assistent Gudizzjarju appuntat minn din il-Qorti biex jisma’x-xhieda f'dak il-kaz kollox kif jigi spjegat dettaljatament

waqt it-trattazzjoni tal-kawza oltre illi bejn il-kontendenti minn dejjem kien hemm is-separazzjoni tal-beni;

5. Illi l-intimat abbuzivament u b'mod mhux biss illegali imma sahansitra in flagrante tal-ordnijiet lilu moghtija mill-Qorti tal-Familja permezz ta' diversi digrieti baqa' sal-lum izjed minn sentejn wara li kien bi vjolenza kecca lill-esponenti mid-dar konjugali, proprjeta taghha u ta' zewgha, biddel is-serratura tal-istess dar ta' abitazzjoni u ghadu sal-lum jirrifjuta li jottempora ruhhu mal-ordnijiet moghtija mill-Qorti tal-Familja li jghaddi lil martu kopja tas-serratura l-gdida tad-dar kif ghadu sal-lum jirrifjuta li jghaddi lil martu l-esponenti l-gojjelli kollha taghha u l-hwejjeg personali taghha nonostante illi marret biex tigbor l-istess anke assistita mill-Pulizija u mill-Marixxal kollox kif jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Illi minhabba dan l-agir abbuziv, illegali u b'disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti tal-Familja, ir-rikorrenti kienet kostretta tikri post fejn toqghod u iktar tard a dirittura tixtri proprjeta biex tmur tabita fiha liema proprjeta kienet malandata u kellha bzonn hafna spejjez biex isir abitabbli, liema spejjez kienet kostretta tohroghom l-esponenti minn butha meta d-dar konjugali hija dar enormi mibnija fuq erba' sulari u fuq zewg triqat u b'zewg bibien b'mod li setghat u ghadha sal-lum tista' tigi maqsuma f'zewgt-idjar separati bi ftit li xejn spejjez pero minhabba l-mod dittatorjali li bih mexa u ghadu jimxi l-intimat baqa' qatt ma sar xejn;

7. Illi sopra corna bastonate, l-intimat kellu l-wicc tost li wara li ghamel li ghamel jitlob u jotjeni kontra martu l-hrug ta' mandat ta' sekwestru ghas-somma ta' euro 250,000 biex skond ma halef din is-sornma taghmel tajjeb ghall-pretenzjonijiet tieghu kontra martu ghall-allegazzjonijiet minnu maghmula li din serqitu dik is-somma u dana permezz ukoll tac-citazzjoni fuq riferita;

8. Illi minhabba dan l-aggir abbuziv u illegali da parti ta' zewgha gew ikkagunati lill-esponenti danni ingenti kemm fit-telf tal-uzu tal-flus li kellha imgemajn u tal-investimenti li kellha hawn Malta u li permezz tal-mandat ta' sekwestru baqghu ma setghux jigu msarfa fejn dawn l-investimenti kienu sejrin hazin biex minflok jitpoggew fi investimenti ohra li jirrendu introjtu ahjar kif ukoll fit-telf tal-uzu tad-dar konjugali u tal-oggetti personali u gojjellerija illegalment mizmuma minn zewgha kif fuq intqal b'dan illi hija kienet kostretta ghal zmien twil tikri fejn toqghod u wara tixtri post altemattiv fejn toqghod u tonfoq fuq l-istess post hafna spejjez biex iggibu f'sura li tista' tabita go fih kollox kif jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

9. Illi debitament interpellat l-intimat jasal ghal ftehim mar-rikorrenti biex il-kawzi li hemm pendenti jispieeaw sabiex id-danni li soffriet u ghadha ssofri l-esponenti minhabba l-agir illegali ta' zewgha kif fuq intqal. L-intimat baqa' intransigenti;

Jghid il-konvenut ghar-ragunijiet premessi u dawk li ghandhom jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikkjara u tiddeciedi illi bl-agir tieghu kif fuq intqal l-intimat ikkaguna danni lill-esponenti;

2. Tillikwida dawn id-danni okkorendo, jekk ikun il-bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Konsegwentement tikkundana lill-konvenut ihallas lir-rikorrenti in linea ta' danni dak l-ammont li jigi hekk illikwidat;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1845/10 intavolat fid-29 ta' Novernbru, 2010, u dawk kemm legali, kemm gudizzjarji kif ukoll extra gudizzjarji kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok, kif jafu ben tajjeb sija l-kontroparti u sija l-avukat difensur taghha, l-esponent ma jifhimx bil-Malti u jinsisti ghal traduzzjoni shiha bl-ingliz kif inhu dritt tieghu; minghajr pregudizzju, madankollu, qieghed jaghti ruhu notifikat u qieghed jintavola l-prezenti risposta sabiex ma jintilifx zmien;

2. Illi fit-tieni lok, l-azzjoni attrici hija irrita u nulla ghas-segwenti ragunijiet:

a. Safejn il-pretizi ghad-danni tal-attrici jikkoncernaw l-abitazzjoni o meno tal- partijiet fid-dar matrimonjali u l-allegat nuqqas ta' harsien tad-digrieti tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja, tali pretizi zgur ma humiex ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Sezzjoni, izda appuntu (semmai u dato ma non concesso) tal-imsemmija Sezzjoni tal-Familja;
b. Fi kwalunkwe kaz id-digrieti msemmija qatt ma gew notifikati ufficjalment lill-esponenti, u nghataw f'ambitu ta' process ta' medjazzjoni li nfetah fuq talba tal-esponent u li nghalaq u li ma giex segwit b'kawza kif trid il-ligi, b'mod illi l-imsemmija digrieti ma ghadx ghandhom forza ta' ligi ezekuttiva;
c. Safejn il-pretizi ghad-danni tal-attrici jikkoncernaw il-mandat intavolat mill-esponent proprio et nomine, l-atti ma humiex integri billi l-rnandat sar ukoll f’isem is-socjeta estera SCI Tower 98, li hija l-kreditrici principali fil-konfront tal-attrici, u mhux biss kontra l-attrici odjerna imma anke fil-konfront ta' Tokk Ltd; u
d. Fi kwalunkwe kaz jekk l-attrici dehrilha li qed issofri danni r-rimedju taghha ma kellux jikkonsisti f'din il-kawza (li saret esklussivament biex isostni mandat ta' sekwestru frivolu u vessatorju li ser jigi impunjat) izda f'rikors fl-atti tal-mandat ta' sekwestru, b'riferenza ghad-diversi rimedji li tipprovdi l-ligi;

3. Illi fil-mertu, l-attrici serqet minghand l-esponenti il-flus kollha li kellu u hallietu lampa stampa, u mhuwiex minnu li hija qed tinkorri spejjez u danni kif hija qed issostni ghaliex bl-assi li hija serqet hija tista' tghix ta' sinjura, mentri lill-esponenti hallietlu biss il-pensjoni; u dan apparti li huwa mhuwiex fi kwalunkwe kaz f’posizzjoni li jsegwi tali digrieti minhabba li jibza' ghal hajtu;

4. Illi l-esponenti jiddikjara li jikkonferma l-kontenut tal-premessi 1 u 3 izda jichad in toto l-kontenut tar-rimanenti premessi u jiddikjara li jaf personalment bil-fatti msemmija f’din ir-risposta, li gew spjegati lilu bil-ligwa Taljana.

Rat li fid-19 ta’ Jannar 2012, il-Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni preliminari (a) u (b) wara li l-ewwel eccezzjoni preliminari giet irtirata b’verbal tal-21 ta’ Frar 2011;

Rat l-atti kollha tal-kawza, in-noti ta' sottomissjonijiet u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza li issib l-isfond taghha f'dizgwid konjugali bejn il-konjugi Blasina li wassal ghal diversi kawzi, almenu minn dak li intqal f'dawn l-atti, fosthom din il-kawza.

Din il-kawza hi wahda specifika. L-attrici qed taghmel essenzjalment talba ghad-danni maqsuma fuq zewg premessi.

L-attrici qed tallega li waqt proceduri ta' medjazzjoni konsegwenza tad-dizgwid konjugali, il-Qorti ordnat li l-attrici tinghata access liberu ghad-dar konjugali li minnha l-konvenut kien ipprojbiha l-access. Billi dan l-access ma inghatax l-attrici kienet kostretta li tikri fond alternattiv bejn Novembru 2008 u Gunju 2010 u wara inkorriet fi spejjez ta' xiri, modernizzar u arredament ta' fond alternattiv fejn tghix. Dan kollu bi htija tal-agir illegali tal-konvenut. Hi tallega li nefqet circa €30,000 biex tirrimpjazzahom apparti li izzid li giet deprivata mill-gojjelli proprjeta taghha b'wirt li zewgha ma hallihiex tiehu mid-dar matrimonjali.

It-tieni premessa ta' danni tikkonsisti fil-fatt li zewgha ghamel mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront taghha dwar pretensjoni li hi haditlu flus appartenenti lilu. Dan il-mandat kien ikopri s-somma ta' €250,000. Hi kellha investimenti ta' €175,000 li gew sekwestrati u ma setghux jintuzaw bil-konsegwena li meta l-investimenti bdew imorru hazin ma setghetx tinvestihom banda ohra u anqas setghet tuzahom biex tixtri l-fond fejn marret tabita meta ma kellhiex access ghad-dar konjugali. Hi ikkalkolat li mill-iffrizar tilfet introjtu mill-investment ta' bejn €17,500 u €26,250 fis-sena mindu sar is-sekwestru cioe fil-15 ta' Ottubru 2008. In oltre kellha tbiegh il-fond li wirtet minghand ommha flok tikrih u iddahhal introjtu ghax ma kellhiex biex tghix.

**L-ewwel premessa ta' danni**

Kif inghad din il-kawza hi l-frott qares ta' dizgwid matrimonjali. Ma hemm esebit xejn f'din il-kawza rigward dan id-dizgwid u senjatament lanqas biss saret l-ahjar prova li kien jinkombi lil attrici tipprezenta, cioe l-ordni tal-Qorti fejn gie akkordat id-dritt lilha li terga' tidhol u tinghata access ghad-dar matrimonjali. Il-Qorti tista' tieqaf hawn ghax hi din il-prova li l-ewwel trid issir u li minnha jinsorgi l-addebitu illegali da parti tal-konvenut u li jista' jaghti lok ghal konsegwenzi dannuzi.

Madankollu l-avukat tal-konvenut jixhed li fil-fatt kien inhareg digriet xott li l-attrici kellha tinghata access ghad-dar matrimonajli pero meta din ma inghatatx, l-attrici talbet ordni tal-Qorti biex tidhol fid-dar konjugali li pero l-Qorti naqset milli tiddegreta favorevolment u minflok idderigietha tiehu rimedji ohra.

Lanqas jirrizulta car jekk fil-fatt l-iskop tal-access kienx biex l-attrici tiehu l-affarijiet personali taghha jew biex tabita billi l-partijiet mhux konkordi fuq din il-kwistjoni. L-attrici tallega li riedet tmur lura d-dar u l-konvenut jixhed illi hi ma riditx tmur lura d-dar anzi kienet hi li abbandunat id-dar matrimonjali u hallietu wahdu meta kien ragel anzjan u marid hafna u martu kienet hafna izghar minnu.

Kienet x'kienet ir-raguni, il-fonti tal-allegazzjoni ghad-danni, cioe l-ordni tal-Qorti qatt ma giet esbita u lanqas hemm prova cara dwar f'hiex kien jikkonsisti. In oltre lanqas jirrizulta jekk dan id-digriet baqax in vigore u jekk inbdewx proceduri ta' separazzjoni ghalkemm l-avukat tal-konvenut meta xehed qal illi ma saret ebda kawza ta' separazzjoni u lanqas id-digriet tal-Qorti qatt ma gie notifikat lil konvenut.

Il-Qorti ma tqis li ghalhekk l-attrici ippruvat raguni valida skond il-ligi li titfa responsabilta fuq il-konvenut ghad-danni allegati. Anki l-istess prova ta' danni ma tikkonsisti f'xejn hlief allegazzjoni ta' hlas ta' €10,000 kera bla ebda prova li tissostanzja dan u sensiela ta' ricevuti ta' abbellimenti li nefqet l-attrici ghal fond mixtri minnha minn flus li hi tghid kienu gejjin mill-wirt ta' ommha u missierha. Anki l-prova tat-telf patrimonjali ghal affarijiet li halliet fid-dar matrimonajli hi skarsa peress illi l-istima tat-telf soffert ma hu sorrett minn xejn hlief allegazzjoni bla sahha ta' somma gratwita bla ebda spjegazzjoni jew prova ulterjuri.

**It-tieni premessa ta' danni**

Din il-premessa hi aktar debboli mill-ewwel wahda. L-attrici qed tallega li minhabba s-sekwestru kawtelatorju li zewgha ghamel fil-konfront taghha, hi ma setghetx tuza l-investimenti li gew maqbuda u in oltre ma setghetx terga' tinvesti banda ohra meta dawn marru hazin, kif ma setghetx tuzahom ghax-xiri tal-fond alternattiv. Tali talba hi bla bazi legalment. Mandat jinhareg fuq ir-responsabilta tal-kreditur li jallega li ghandu kreditu dovut u biex jissalvagwardja dan il-kreditu fuq il-patrimonju mobbli tad-debitu. Hu principju tal-ligi li kulhadd ghandu dritt juza l-mezzi kollha li taghti l-ligi biex jissalvagwardja dritt pretiz sakemm ma jsirx abbuz. L-attrici implicitament qed tallega illi l-konvenut abbuza minn dan id-dritt pero ma ngiebet ebda prova ta' dan l-abbuz. Ma ngibitx prova jekk il-kawza li per forza kellha issir biex izzomm il-mandat haj ghadhiex ghaddejja u jekk dan il-mandat qattx gie attakkat kif il-ligi taghti lok f'certi cirkostanzi fl-ambitu tal-istatut stess tal-mandati kawtelatorji biex id-debitur ma jbatix iktar milli jmiss u fejn il-Qorti ghandha dritt li taghti rimedji alternattivi b'salvagwardja ghad-drittijiet tal-kreditur u fl-istess hin izzomm bilanc mad-drittijiet li ghandu d-debitur. In oltre l-mandat inhareg ukoll kontra Tokk Limited u l-istess attrici iddikjarat li l-flus iffrizati kienu investiti f'isem Tokk Limited. Din ukoll hi raguni ghaliex it-talba ghad-danni kif maghmula hi insostenibbli legalment.

Dawn il-konsiderazzjonijiet u nuqqas assolut ta' provi ma jhallux ghazla lil din il-Qorti hlief li tichad din it-talba ghal nuqqas assolut ta' prova dwar l-allegat responsabilta ghal agir abbusiv tal-konvenut fil-hrug tal-mandat ta' sekwestru.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur